

**Brussell, 7 ta' Lulju 2026
(OR. en)**

11176/26

LIMITE

**CORLX 688
CFSP/PESC 1017
COEST 518
FIN 972**

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 dwar miżuri restrittivi
fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643¹.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2026, il-Kunsill Ewropew ikkundanna l-attakki ibridi reċenti kollha kontra l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Fid-dawl tal-kampanji ibridi persistenti minn atturi ostili, b'mod partikolari r-Russja u l-Belarusja, il-Kunsill Ewropew appella għal sforzi akbar u urġenti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza, tiġi intensifikata l-preparatezza, tiġi protetta l-infrastruttura kritika, u jiġu evitati, skoraġġuti u jingħata rispons għal attacchi ibridi.
- (3) L-Unjoni tibqa' soda fil-kundanna tagħha tal-attivitajiet malizzjużi tar-Russja diretti kontra l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha, organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi.
- (4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li persuna fiżika waħda tiżdied mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643 tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja (ĠU L, 2024/2643, 9.10.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2643/oj>).

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

L-entrata li ġejja tiżdied mal-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"80.	Ivan Sergeevich KASYANENKO (bir-Russu: Иван Сергеевич КАСЬЯНЕНКО)	Funzjoni: viċi kmandant u uffiċċjal għoli tal-iSpecial Operations Service (SSD) tal-GRU Grad: Logutenent Ġeneral Data tat-twelid: 9.9.1975 Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Kontribwent Indivdwal: 773471856698	Ivan Kasyanenko huwa l-viċi kmandant tal-iSpecial Operations Service (SSD) tal- GRU, li assorba ċerti elementi tal-Unità 29155, u huwa uffiċċjal għoli li jissorvelja l-operazzjonijiet tal-SSD. Huwa ġie identifikat bħala organizzatur u superviżur prinċipali tal-attivitajiet tal-Unità 29155 marbuta mal-Afganistan, inkluż l-allegati sforzi biex jiġu pprovduti inċentivi finanzjarji għal attakki mmirati kontra l-l-Istati Uniti u persunal tal-koalizzjoni internazzjonali li topera fl- Afganistan. Ivan Kasyanenko kkoordinaw wkoll operazzjonijiet marbuta mal- avvelenamenti bin-Novichok tal-2018 ta' Sergei Skripal u bintu, Yulia Skripal. Barra minn hekk, huwa ġie assoċjat mal- koordinazzjoni ta' attivitajiet bil-moħbi Russi fl-Ewropa, il-ġestjoni u l-integrazzjoni tan-networks tal-Grupp Wagner fl-Afrika fl-2023 u inizjattivi ta' kooperazzjoni militari-teknika li jinvolvu l-Iran.	++

+ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din d-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			Għalhekk, Ivan Kasyanenko huwa responsabbli għal, u jimplimenta azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fpajjizi terzi billi jdgħajfu l-ordni pubbliku u s-sikurezza pubblika, u billi jisfruttaw il-kunflitti armati, l-instabbiltà u l-insigurtà.	